MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2013

Numru. 863/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Yoshinobu Pablo Hase Garnica iben Tahsinari u Maria Angustias nee` Garnica imwieled Spanja nhar l-02 ta' Marzu 1991 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf, Sliema, Malta u detentur tal-karta tal-identita Spanjola bin-numru 50899615V**

**Raul Barrantes Sanches iben Raul u Maria Theresa nee` Sanches imwieled Spanja nhar l-05 ta' Dicembru 1989 u residenti gewwa fond mhux maghruf,**

**Sliema, Malta u detentur tal-karta t' l-identita Spanjola bin-numru 50908419N**

**Ker-Aldeen Victor iben Said u Maria Dolores nee' Peralta imwieled Spanja nhar l-01 ta' Settembru 1991 u residenti gewwa fond mhux maghruf, Sliema Malta u detentur tal-karta ta' l-identita` Spanjola bin-numru 509004087M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli fil-lejl ta' ben it-03 ta' Settembru 2013 u l-04 ta' Settembru 2013 gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1) Volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Hugo Chetcuti u/jew persuni ohra u/jew intraprizi ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan bi ksur tal-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'flok pubbliku jew miftuh ghal publiku kien fi stat ta' sacra u dan bi ksur tal-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina nadifa taghhom u l-fatt illi l-imputati hallsu nofs id-danni kagunati minnhom u obbligaw ruhhom li jhallsu l-ammont rimanenti fi zmien jumejn mil-lum.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(a), 338(dd), 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tornda lil hatja ihallsu lil Hugo Chetcuti s-somma ta’ elf sitt mija u disghin euro (€1690) fi zmien jumejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------